# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 5**

**Rikors maħluf numru 206/2010 SM**

**Paul Micallef**
***v.***
***Korporazzjoni EneMalta*, illum *EneMalta p.l.c.***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà intimata ["*EneMalta*"] minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 2015 ["il-provvediment finali"] fi proċedura mibdija mir-rikorrent Paul Micallef ["ir-rikorrent"] taħt l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Sar ukoll appell inċidentali mir-rikorrent kemm mill-provvediment finali u kif ukoll minn provvediment ieħor, mogħti mill-ewwel qorti fil-10

ta' Mejju 2012 ["l-ewwel provvediment"], li ċaħad eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mir-rikorrent. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. *EneMalta* tgħid illi arloġġ tal-konsum tal-kurrent elettriku reġistrat f'isem ir-rikorrent kien imbagħbas biex juri konsum anqas minn kemm fil-fatt ikun u għalhekk ir-rikorrent ħallas tmintax-il elf, sitt mija u tmienja u sebgħin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€18,678.62) anqas minn kemm kellu jħallas.

3. Għalhekk b'ittra ġudizzjarja tat-8 ta' Jannar 2010 magħmula għall-għanijiet tal-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *EneMalta* sejħet lir-rikorrent sabiex iħallas din id-differenza, u r-rikorrent b'rikors tad-19 ta' Jannar 2010 fetaħ dawn il-proċeduri tallum biex jikkontesta t-talba kemm għax igħid li ma għandux jagħti dak li qiegħda titlob *EneMalta* u kif ukoll għax igħid illi l-pretensjoni ta' *EneMalta* waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili.

4. Bl-ewwel provvediment l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għax "irrelevanti" għall-każ. Imbagħad, bil-provvediment finali l-ewwel qorti, wara li sabet illi "l-elettriku kkunsmat mill-istess arloġġ ma kienx qed jiġi reġistrat kollu kif dovut" u illi "dan it-tbagħbis kien volontarju u espressament intiż biex jirreġistra konsum anqas minn dak attwalment ikkunsmat, u għalhekk jitħallas ammont anqas minn dak verament dovut", iddeċidiet hekk:

> »Tirrispinġi t-talbiet tar-rikorrenti Paul Micallef, bl-ispejjeż ġudizzjarji sa dan l-istadju tal-proċedura kontra r-rikorrenti fuq indikat;

> »Illi *stante* li ma teżistix talba rikonvenzjonali skont il-liġi, iż-żewġ talbiet tas-soċjetà intimata[1] … qed jiġu respinti bl-ispejjeż fir-rigward kontra l-istess soċjetà intimata.«

5. *EneMalta* appellat b'rikors tat-28 ta' Mejju 2015 li għalih ir-rikorrent wieġeb, b'appell inċidentali, fil-5 ta' Ġunju 2015. *EneMalta* wieġbet għall-appell inċidentali fit-23 ta' Ġunju 2015.

6. L-appell ta' *EneMalta* essenzjalment huwa fuq kwistjoni proċedurali, *viz.* jekk kienx meħtieġ li ssir kontro-talba biex ir-rikorrent jiġi kanonizzat debitur tagħha daqslikieku b'sentenza. Billi l-appell inċidentali jolqot il-meritu tal-kwistjoni jekk ir-rikorrent huwiex tassew debitur, b'mod li jekk jintlaqa' l-appell inċidentali l-punt imqanqal fl-appell ewlieni jsir akkademiku, il-qorti sejra tibda billi tqis l-appell inċidentali.

7. L-aggravji tal-appell inċidentali huma (i) dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni abbinata mal-fatt li l-ewwel qorti assumiet il-kompetenza biex tisma' u taqta' l-każ, u (ii) dwar l-apprezzament tal-fatti.

8. Fl-ewwel aggravju r-rikorrent ma huwiex qiegħed jikkontesta l-kompetenza tal-qorti; li qiegħed igħid hu illi l-ewwel qorti ma kellhiex kompetenza tiddeċiedi huwiex ħati ta' serq iżda biss fuq it-talba għall-ħlas għas-servizz, u għalhekk, ladarba assumiet kompetenza fuq il-każ, ma kellhiex tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa minnu, li kienet dik taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili (u mhux taħt l-art. 2154(*f*), kif igħid, erronjament, ir-rikorrent fit-tweġiba tiegħu).

---

[1] It-talbiet kienu biex (i) il-qorti tiddikjara lir-rikorrenti debitur tas-soċjetà intimata fl-ammont ta' tmintax il-elf, sitt mija u tmienja u sebgħin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€18,678.62) u (ii) tikkundannah iħallasha dik is-somma.

9. Ir-raġuni għala l-ewwel qorti kienet ċaħdet l-eċċezzjoni ta' pre-skrizzjoni ġiet imfissra hekk fl-ewwel provvediment:

> »Illi in effetti l-proċedura odjerna hi oġġezzjoni għal tali att eżekuttiv kristallizzat bl-ittra uffiċjali *de quo*;
>
> »Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mir-rikorrenti hi għal kollox irrita *stante* li l-vertenza hi kristallizzata fid-data tal-ittra uffiċċjali li ħolqot l-att eżekuttiv in diżamina;
>
> »Illi għalhekk ir-rikors promotur hu biss tentattiv irritu li jiżvija l-vertenza vera u proprja tal-kwistjoni ppreżentata għall-konsiderazzjoni tal-qorti li hi issa naxxenti mid-dikjarazzjoni taċ-*chairman* fuq indikat jew tar-rappreżentant tiegħu – u bl-ebda mod m'hu qed isir xi refer-enza għal xi reat fl-ittra uffiċċjali *de quo*;
>
> »Illi għalhekk l-eċċezzjoni sollevata mir-rikorrenti rigward il-pre-skrizzjoni hi għal kollox irrilevanti *stante* li l-ittra uffiċjali tirrigwarda biss servizz mogħti u utilizzat li ma tħallasx kif dovut;
>
> »Għaldaqstant, tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata mir-rikorrenti u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-proċedura fuq il-meritu.«

10. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »Illi l-esponent kien issottometta fir-rikors tiegħu fejn oppona għall-ħlas tal-kreditu pretiż mill-intimata peress li dan kien preskritt *ai termini* tal-artikolu 2154(*f*) [*recte* 2156(*f*)] tal-Kodici Civili u *cioè* bit-trapass ta' ħames snin.
>
> »Illi l-ewwel onorabbli qorti irriteniet illi hija kellha ġurisdizzjoni tiddeċiedi l-każ, minkejja li l-intimata ssottomettiet li kien *si tratta* ta' serq ta' dawl, għaliex, permezz tal-ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimata ma kenitx qed tipprova tottjeni kundanna għal serq iżda kienet qed tfittex ammont dovut lilha talli attwalment ipprovdiet kurrent ta' dawl.
>
> »Illi għaldaqstant huwa ċar li s-sottomissjoni tal-intimata … li l-kreditu tagħha mhux soġġett għall-provvedimenti tal-artikolu 2154(*f*) [*recte* 2156(*f*)] tal-Kodiċi Ċivili jsegwi li huwa għal kollox infondat.«

11. Għalkemm il-motivazzjoni tal-ewwel provvediment ma hijiex għalkollox ċara, jidher li l-ewwel qorti riedet tgħid illi t-titolu esekutiv inħoloq – jew ġie "kristallizzat" – dakinhar stess li saret l-ittra ġudizzjarja u għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija irrelevanti.

12. Dan ma huwiex korrett. L-eċċezzjoni ma hijiex illi t-titolu waqa' bi preskrizzjoni iżda li l-kreditu waqa' bi preskrizzjoni. Il-kreditu nħoloq

bil-konsum "moħbi" tal-kurrent elettriku u mhux bl-ittra ġudizzjarja; dik l-ittra fittxet li "tikkristallizza" l-kreditu billi tikkanonizzah iżda ma kinitx l-ittra li ħolqitu.

13. Kompatibilment ma' dan, ir-rikorrent igħid illi ż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej minn dakinhar li, allegatament, beda jsir is-serq tal-kurrent elettriku, u għalhekk l-ittra ġudizzjarja kisret il-preskrizzjoni biss għall-aħħar ħames snin qabel intbagħtet, *viz.* mid-9 ta' Jannar 2005 sad-29 ta' Ottubru 2005, meta nkixef is-serq.

14. Ir-rikorrent iżda jgħid ukoll illi:

> »… … … l-ewwel qorti … irrespinġiet il-preskrizzjoni għaliex qalet li l-preskrizzjoni topera mid-data minn meta l-kreditur seta' jesercita l-azzjoni għall-ħlas tal-kreditu, u f'dal-każ għalhekk mid-data li saret spezzjoni fil-fond tal-esponent *cioè* mid-29 ta' Ottubru 2005. … l-esponent jaqbel ma' din l-aħħar asserzjoni tal-ewwel onorabbli qorti dwar id-data minn meta setgħet tiġi eserċitata l-azzjoni għall-ħlas … … …«

15. Għalkemm fil-fatt il-provvediment ma jgħidx hekk, din l-asserzjoni tar-rikorrent twaqqa' l-pretensjoni li l-ittra ġudizzjarja tat-8 ta' Jannar 2010 tikser il-preskrizzjoni biss għal dak li kien dovut minn ħames snin qabel 'il quddiem. Jekk id-*dies a quo* kienet dakinhar li nkixef is-serq tal-kurrent elettriku, *i.e.* mid-29 ta' Ottubru 2005, mela l-att li kiser il-preskrizzjoni – l-ittra ġudizzjarja tat-8 ta' Jannar 2010 – saret anqas minn ħames snin wara u għalhekk qabel ma għadda ż-żmien ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) invokat mir-rikorrent.

16. Ir-rikorrent iżda jkompli jfisser l-aggravju hekk:

> »… fl-istess ittra uffiċċjali l-mittenti tispeċifika bl-iktar mod ċar li qed tirrikjama ammonti mingħand l-esponent b'effett mid-29 ta' Ottubru 2000 sad-29 ta' Ottubru 2005. Ghalhekk a tenur tas-sentenza pre-

> liminari dwar il-preskrizzjoni, *se mai* l-esponent seta' ġie kkundannat iħallas biss dak ikkalkolat li kien dovut mis-8 ta' Jannar 2005 sad-29 ta' Ottubru 2005, *cioè* konsum għal għaxar xhur u mhux għal ħames snin kif ġie kkundannat l-esponent.«

17. Waqt it-trattazzjoni orali r-rikorrent kompla qal illi l-ispezzjoni setgħet saret f'kull waqt, u għalhekk setgħet saret qabel id-29 ta' Ottubru 2005. Mela l-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn dakinhar li setgħet saret l-ispezzjoni, u għalhekk minn qabel id-29 ta' Ottubru 2005.

18. Dan jista' jkun minnu, iżda, fil-fehma tal-qorti, qabel tara minn meta tibda tgħaddi l-preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) trid l-ewwel tara jekk dik il-preskrizzjoni tolqotx il-każ. Din effettivament hija kwistjoni li qanqal ir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu meta qal li l-argument li l-art. 2156(*f*) ma jgħoddx għall-każ "huwa għal kollox infondat".

19. Din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti meta din, għax tgħid illi "bl-ebda mod m'hu qed isir xi referenza għal xi reat fl-ittra uffiċċjali", qisha qiegħda timplika li l-fatt li fil-konsum tal-kurrent hemm l-elementi ta' reat ma għandux relevanza. Konsum magħmul b'mod leċitu u konsum magħmul b'mod illeċitu ma jistgħux jiġu meqjusa l-istess, bħallikieku d-differenza ma għandha ebda konsegwenza ġuridika.

20. Kif igħid l-art. 3 tal-Kodiċi Kriminali, kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili, u dawn l-azzjonijiet jitmexxew quddiem qrati differenti u għandhom għanijiet differenti. Il-qorti ta' kompetenza ċivili ma għandhiex setgħa tiddeċiedi dwar ħtija kriminali, iżda għandha setgħa tiddeċiedi jekk, għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili, seħħewx fatti li, fl-astratt, huma l-elementi ta' reat, għax dan iwassal għal konsegwenzi

relevanti għall-azzjoni ċivili, fosthom iż-żmien ta' preskrizzjoni. Billi din id-deċiżjoni tkun biss għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili, u mhux għall-għanijiet ta' sejbien ta' ħtija taħt il-liġi penali, ma huwiex meħtieġ li tkun instabet ukoll ħtija mill-qrati ta' kompetenza kriminali, u l-oneru u l-grad tal-prova huma dawk li jgħoddu għal azzjoni ċivili mhux għal azzjoni penali.

21. Il-kwistjoni issa hi jekk l-azzjoni tintlaqatx bi preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili jew taħt xi disposizzjoni oħra, speċifikament l-art. 2154(1) tal-istess Kodiċi. Il-qorti ma tarax li japplika l-art. 2154(2) – kif tissottometti *EneMalta* – billi dak li qiegħed jintalab mhux li tintradd il-ħaġa misruqa, *viz.* il-kurrent elettriku, iżda li r-rikorrent jagħmel tajjeb għat-telf li ġarrbet *EneMalta* minħabba s-serq billi jħallas għall-konsum "moħbi" bit-tbagħbis tal-arloġġ.

22. Fil-każ tallum it-talba ta' *EneMalta* hija msejsa fuq l-allegazzjoni li sar tbagħbis ta' arloġġ tad-dawl li jitqies reat għax is-serq ta' kurrent elettriku huwa reat ta' serq ikkwalifikat bi "ksur" taħt l-art. 264 tal-Kodiċi Kriminali. Mela, għalkemm dak li qiegħda titlob *EneMalta* huwa ħlas għall-provvista ta' kurrent elettriku, qiegħda effettivament titlob ħlas ta' konsum misruq u għalhekk ħlas tat-telf li ġarrbet minħabba reat.

23. L-art. 2156(*f*) huwa disposizzjoni residwali li tolqot l-azzjonijiet għall-ħlas "ta' kull kreditu ieħor". Dan ifisser illi disposizzjoni speċjali – bħal ma hi dik taħt l-art. 2154(1), li tolqot azzjonijiet għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat – tegħleb dik ġenerali tal-art. 2156(*f*), u għalhekk hija

l-preskrizzjoni taħt l-art. 2154(1), mhux dik taħt l-art. 2156(*f*), illi tgħodd għall-każ.

24. Billi għalhekk it-talba ta' *EneMalta* ma tintlaqatx bl-art. 2156(*f*) għax tintlaqat bl-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili, l-argument tar-rikorrent dwar meta tibda tgħaddi l-preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) ma huwiex relevanti. Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti, għalkemm għal raġunijiet differenti, meta qalet illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mir-rikorrent "hi għal kollox irrelevanti"

25. L-aggravju dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni huwa għal-hekk, għar-raġunijiet miġjuba fuq, miċħud.

26. It-tieni aggravju jolqot is-sejbien tal-ewwel qorti illi kien hemm tassew tbagħbis tal-arloġġ tad-dawl. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> »… … …mill-provi li nġabru waqt is-smigħ tal-kawża irriżulta b'mod ċar li ma ġewx eżerċitati kontrolli suffiċjenti sabiex jiġi kkostatat b'mod serju kif trid il-liġi li l-*meter* allegatament imbagħbas kien tassew hekk.
>
> »Illi l-ewwelnett, mix-xiehda tal-istess impjegati li aċċedew fuq il-fond tal-esponent l-ewwel osservazzjonijiet tagħhom kienu fis-sens li s-siġilli ta' barra kienu intatti u l-*meter* kien qed idur.
>
> »Illi skond dawn ix-xhieda stess imbagħad wara li huma neħħew is-siġilli tal-*meter* setgħu josservaw li x-*shunts* kienu mbagħbsa, *ossia* mħollijin [maħlulin?] sabiex b'hekk il-qari tal-*meter* ma jkunx kif suppost.
>
> »Illi mhux minnu dak li sabet l-ewwel onorabbli qorti li rriżultat xi sengħa partikolari sabiex dawn ix-*shunts* jitħallew [jinħallu?]. Anzi mhux possibbli li dawn ix-*shunts* jinħallu jekk ma jinqalax il-*cover* ta' barra li kellu s-siġilli intatti.
>
> »Illi fil-fatt meta, fil-laboratorju tal-*EneMalta*, it-tekniku għamel *test* fejn ġie irrepplikat l-istat tal-*meter* kif instab fil-fond tal-esponent, u *cioè* bix-*shunts* miftuħa, il-*meter* ma qara xejn, u senjatament għalhekk ma kienx qed jdur. Mentri waqt l-ispezzjoni fuq il-fond tal-esponent ix-xhieda qalu kategorikament li l-meter fit-fatt kien qiegħed idur, *cioè* jirreġistra.
>
> »Illi fir-rapporti li ġew preżentati dwar il-konsum tal-*meter* għaż-żmien involut, f'ebda ħin ma ġie osservat li l-*meter* ma kienx qed jirreġistra.

> »Illi dan kollu biex ma jingħad xejn dwar it-provi mressqa mill-esponent, fejn dan iddeskriva l-ħsieb ħażin li kellu mill-atteġġjament tal-impjegati li aċċedew fuq il-fond, u l-fatt li, kontra kull proċedura li tiġi segwita fl-inkjesta, minflok dan it-*meter* tħalla mal-espert tekniku mqabbad mill-maġistrat inquirenti, dan ħaduh l-impjegati involuti, u ngħata lill-espert wara li kienu għaddew xi jiem wara l-ispezzjoni.«

27. Il-qorti tibda billi ttenni li din tallum hija azzjoni ċivili mhux azzjoni kriminali, u l-oneru u l-grad tal-prova huma dawk li jgħoddu għal azzjoni ċivili mhux għal azzjoni kriminali. Iż-żewġ azzjonijiet huma indipendenti minn xulxin u, wkoll jekk, kif igħid ir-rikorrent, kien hemm irregolaritajiet fil-proċess penali dan ma jolqotx il-validità tal-azzjoni ċivili.

28. Li l-arloġġ kien imbagħbas huwa fatt, għax instabu x-*shunts* maħlulin u nstabu wkoll is-siġilli mittiefsa; mhux minnu dak li jgħid ir-rikorrent li s-siġilli kienu "intatti". Il-fatt li l-arloġġ baqa' jdur u jimmarka konsum ma jfissirx li ma kienx imbagħbas. Huwa naturali li l-arloġġ tħalla jibqa' jdur: li kieku tbagħbsu x-*shunts* tat-tliet *phases* biex ma jidher konsum ta' xejn kien minnufih jinħoloq suspett; il-fatt li tbagħbsu biss tnejn juri ċertu ħsieb, għalkemm ma tridx wisq biex tifhem li ma tkunx intelliġenti jekk ma turi konsum ta' xejn. Imbagħad, il-fatt illi l-konsum, wara li l-arloġġ reġa' beda jaħdem sew, reġa' lura għal-livelli ta' qabel juri illi tassew għamel żmien li ma kienx qiegħed jirreġistra l-konsum kollu.

29. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent fuq "l-atteġġjament tal-impjegati" ta' *EneMalta*, l-ewwel qorti, li semgħet u rat lix-xhieda u għalhekk kellha okkażjoni aħjar milli għandha din il-qorti biex tiżen l-affidabilità tagħhom, warrbitha, u lil din il-qorti ma ntweriet ebda raġuni tajba u biżżejjed biex twarrab l-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti.

30. Dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa’ u għalhekk l-appell inċidentali huwa miċħud.

31. Ngħaddu issa għall-appell ewlieni ta’ *EneMalta*, li huwa dwar l-interpretazzjoni korretta tal-art. 466 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**466.** (1) Meta kap ta’ dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta’ korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b’rappreżentanza legali ta’ xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta’ xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista’ jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:
>
> »Iżda d-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta’ ammonti dovuti għall-provdiment ta’ ilma u elettriku u għall-kiri ta’ *meters* relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta’ att ġudizzjarju jew permezz ta’ ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-*metering*, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta’ dak il-provdiment jew il-kiri ta’ dak il-*meter*.
>
> »(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta’ att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta’ dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.
>
> »(3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smigħ f’jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.
>
> »… … …«

32. Tassew illi l-artikolu jgħid illi d-dikarazzjoni tal-kreditur notifikata lid-debitur titqies daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti sakemm id-debitur “ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti

tiddikjara t-talba bħala waħda infondata", li tagħti x'tifhem illi huwa biżżejjed li d-debitur jopponi t-talba biex id-dejn ma jitqiesx kanon-izzat. Li kien hekk, iżda, *i.e.* li kieku l-oppożizzjoni b'rikors tad-debitur kienet biżżejjed biex id-dikjarazzjoni debitament notifikata ma tiksibx il-kwalità ta' titolu esekutiv, ma kien ikun hemm ebda ħtieġa li l-qorti tappunta r-rikors għas-smigħ. Il-fatt illi huwa meħtieġ smigħ u għal-hekk provvediment relativ ifisser illi l-oppożizzjoni tad-debitur ikollha dak l-effett fil-każ biss li t-talba tiegħu tintlaqa'; jekk ir-rikors ma jintlaqax – kif ma ntlaqax fil-każ tallum – ma jkollux dak l-effett u d-dikjarazzjoni tal-kreditur titqies daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti. Qalet ħażin l-ewwel qorti li kienet meħtieġa rikonvenzjoni formali biex id-dikjarazzjoni tikseb dak l-effett. Fil-fatt lanqas it-talbiet magħmula fit-tweġiba ta' *Enemalta* ma kienu meħtieġa u lanqas kellhom isiru, għax it-titolu esekutiv ikun id-dikjarazzjoni maħlufa taħt l-art. 466 u mhux il-provvediment tal-qorti, u għalhekk ma huwiex meħtieġ li dawk it-talbiet jintlaqgħu; biżżejjed, biex il-kreditur ikollu titolu esekutiv, illi jiġi miċħud ir-rikors li bih id-debitur jopponi.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent u tikkonferma l-ewwel provvediment safejn ċaħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, għalkemm għal raġunijiet differenti; tipprovdi dwar l-appell ewlieni ta' *EneMalta* billi tirriforma l-provvediment finali: tikkonfermah fejn ċaħad it-talbiet tar-rikorrent, tħassru fil-bqija u tgħid illi d-dikjarazzjoni ta' *EneMalta* debitament notifikata lir-rikorrent għandha effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti għal dak

kollu li jgħid u jrid l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

34. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom ir-rikorrent.

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm